# QORTI CIVILI - PRIM'AWLA

**IMHALLEF**

**ONOR. DR JOANNE VELLA CUSCHIERI**
**B.A., MAG. JUR. (EUR. LAW.), LL.D.**

**Illum it-Tlieta, 17 ta' Jannar 2023**

**Kawza Numru: 10**

**Rikors Guramentat Numru:- 857/2022 JVC**

**Carmelo Zammit *sive* Charles Zammit Haber (277943M)**

**vs**

**Direttur tar-Reġistru Pubbliku**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors guramentat fejn ir-rikorrenti Carmelo Zammit li talab kif isegwi:

‘Illi r-rikorrenti twieled nhar is-sittax (16) ta' Marzu tas-sena elf disgha mija tlieta u erbghin (1943) u fl-Att tat-Twelid tieghu li jġib in-numru elfejn sebgha mija disgha u sebghin zbarra elf disgha mija tlieta u erbghin (2779/1943) jinsab reġistrat bl-isem u l-kunjom “Carmelo Zammit” (Ara Dok. A).

Illi sa minn meta kien ghadu ta' eta` zghira, r-rikorrent kien maghruf bl-isem u l-kunjom `Charles Zammit Haber`, u sia l-familjari tieghu kif ukoll il-hbieb tieghu kienu bdew isejhulu b'dan l-isem u l-kunjom.

Illi ghal aktar minn hamsin sena, kemm il-familjari, il-hbieb tieghu, kemm meta kien l-universita`, kemm fil-komunita u kif ukoll fuq l-post tax-xoghol, kulhadd baqa' jaf u konsistentement isejjah lir-rikorrent bl-isem u l-kunjom ta' Charles Zammit Haber.

Illi r-rikorrent flimkien mal-affidavit ser ikun qieghed jipprezenta diversi dokumenti li jindikaw il-mod ta` kif dejjem kien maghruf (Ara Dok A sa M)

Illi dan l-istat ta’ fatt qiegħed jikkaġuna inkonvenjent u preġudizzju lir-rikorrent, kif ukoll diversi problemi u kumplikazzjonijiet fil-ħajja privata u kwotidjana tieghu kif jista’ jiġi ppruvat waqt it-trattazzjoni tal-kawża.

Illi r-rikorrenti ghandu interess li c-certifikat tat-twelid tieghu ikun jirrifletti l-isem u l-kunjom li huwa jissejjah bih konsistentement, u ghalhekk li jemendah ai termini ta' artikolu 253 subinciz (2) u (3) tal-Kodici Civili.

Jghid il-konvenut ghaliex ghar-ragunijiet premessi din l-Onorabbli Qorti m’ghandhiex :

1. Tiddikjara u tiddeċiedi li l-isem "Charles" u l-kunjom ''Zammit Haber " u mhux "Carmelo" u ''Zammit" rispettivament, huma l-isem u l-kunjom li r-rikorrent minn dejjem uża għalih nnifisu u li kien minn dejjem u konsistentement magħruf bihom sal-lum;

2. Tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrent għandu jiġi msejjaħ "Charles Zammit Haber";

3. Tordna ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni elfejn sebgha mija disgha u sebghin tas-sena elf disgha mija tlieta u erbghin (2779/1943), kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, billi l-isem tar-rikorrent 'Carmelo' kull fejn jidher jigi sostitwit bl-isem 'Charles', filwaqt illi kunjom ir-rikorrent 'Zammit' jigi sostitwit bil-kunjom 'Zammit Haber';

4. Tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex idahhal annotazzjonijiet fil-margini tal-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrent illi jindika illi saru tali korrezzjonijiet u registrazzjoni ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kodici Civili; U konsegwentement ukoll

5. Tordna illi l-bdil tal-isem u l-kunjom effettwat fil-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrent in segwitu ghall-korrezzjonijiet u registrazzjoni relattiva jigi rifless ukoll, kull fejn hemm htiega illi dan isir, f'kull Att ta' stat civili iehor relattiv ghall-istess rikorrent;

L-intimat huwa minn issa ingunt ghas-subizzjoni.'

Rat ir-risposta guramentata ta' l-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku li taqra kif isegwi:

1. 'Illi preliminarjament għandu jingħad li ai termini tal-Artikolu 254 tal-Kapitolu 16 tal-Liġijiet ta' Malta, għandha ssir id-debita publikazzjoni tas-smigħ tal-kawża odjerna fil-Gazzetta tal-Gvern minn tal-inqas ħmistax-il ġurnata qabel tali smigħ;

2. Illi għal dak li jikkonċerna l-mertu tal-kawża, l-esponent jistqarr illi m'huwiex edott mill-fatti kif ġew iddikjarati fir-rikors ġuramentat;

3. Illi mill-Att tat-Twelid tar-rikorrent, innumerat 2779/1943, kopja ta' liema ġiet ippreżentata mir-rikorrent, jirriżulta illi huwa twieled f'Malta, fis-16 ta' Marzu 1943, lil Carmelo Zammit u lil martu Andreana, fiż-żwieġ, u li filwaqt li ingħata l-ismijiet Carmelo John Baptist Francis, Carmelo kien iddikjarat bħala l-isem li bih huwa għandu jiġi msejjaħ. Dan mhuwiex ikkontestat, anzi huwa rikonoxxut mill-istess rikorrent, u għaldaqstant huwa evidenti li ma sar ebda żball mill-esponent meta l-Att tat-Twelid tiegħu ġie rreġistrat fir-Reġistru Pubbliku;

4. Illi r-rikorrent ipproċeda bil-kawża istanti bil-għan illi din l-Onorabbli Qorti tordna korrezzjoni fl-Att tat-Twelid tiegħu, stante illi huwa ddikjara li huwa kien u għadu konsistentement magħruf bħala Charles Zammit Haber u mhux bħala Carmelo Zammit, kif huwa indikat fl-Att tat-Twelid tiegħu;

5. Illi fir-rigward tat-talbiet attriċi, l-esponent jirrimetti ruħu għad-deċiżjoni ta' din l-Onorabbli Qorti, salv però li l-provi miġjubin ikunu l-aħjar u sodisfaċenti f'għajnejn il-liġi. Għal kull buon fini qed jiġi rrilevat ukoll illi kemm-il darba din l-Onorabbli Qorti tordna li jsir it-tibdil rikjest mir-rikorrent, tali tibdil jista' jsir biss fir-rigward tad-dettalji tar-rikorrent innifsu, filwaqt illi kunjomu jista' jinbidel biss permezz ta' annotazzjoni ġenerali stante illi fl-att tat-twelid tar-rikorrent, li kien ġie rreġistrat fl-annu 1943, ma kienet teżisti ebda kolonna jew intestatura speċifika li tindika kunjom it-tarbija;

6. Illi bla ħsara għall-premess, fir-rigward tal-ħames talba attriċi, *ai termini* tal-Artikolu 253 tal-Kodiċi Ċivili, korrezzjoni tista' ssir f'dawk l-Atti tal-iStat Ċivili relattivi għall-persuna u, fejn ikun hemm, għall-ulied u dixxendenti ulterjuri ta' dik il-persuna, liema atti jridu jiġu indikati fit-talba bin-numru tal-att u s-sena relattiva tagħhom. Illi għaldaqstant, f'każ li din l-Onorabbli Qorti tilqa' t-talbiet attriċi u tordna t-tibdil rikjest, l-esponent umilment jirrileva illi r-rikorrent għandu jispeċifika liema huma l-atti li fihom qed jintalab tibdil, permezz tan-numru progressiv u s-sena ta' kull att relattiv;

7. Illi bla ħsara għall-premess, id-Direttur intimat jissottometti li fi kwalunkwe każ l-azzjoni attriċi mhijiex attribwibbli għal xi għemil jew nuqqas da parti tiegħu u għalhekk m'għandux jiġi assoġġettat għall-ispejjeż tal-kawża istanti;

8. Salv eċċezzjonijiet ulterjuri.

Bl-ispejjeż kontra r-rikorrent li qiegħed jiġi inġunt in subizzjoni.'

Rat illi a fol. 39 tal-process giet esebita l-publikazzjoni skont il-Ligi.

**Ikkunsidrat;**

Rat id-dokumentazzjoni kollha annessa mar-rikors guramentat minn fejn jirrizulta li effettivament ir-rikorrent minn dejjem kien u ghadu juza l-isem ta' 'Charles' u mhux dak ta' 'Carmelo' u bhala kunjom dak ta' 'Zammit Haber' u dan mhux hu biss izda wkoll il-familjari tieghu;

Rat illi sahansitra l-kunjom 'Zammit Haber' kien diga' rikonoxxut mill-awtoritajiet, anki fil-karta tal-identita' tal-istess rikorrent, esebita a fol. 26 tal-process. Il-fatt illi huwa maghruf bhala 'Charles' ukoll huwa rikonoxxut minn din il-karta tal-identita' a fol. 26 tal-process.

In vista ta' dawn il-provi l-Qorti tqis illi t-talba tar-rikorrent hija gustifikata u se tghaddi biex tilqa' l-istess.

**Decizjoni**

Ghaldaqstant ghar-ragunijiet kollha suesposti din il-Qorti taqta' u tiddeciedi din il-kawza kif isegwi:

1. Fl-ewwel lok tichad l-eccezzjonijiet tal-intimat sakemm dawn huma nkompatibbli ma' dak hawn deciz;

2. Tilqa' l-ewwel talba u tiddikjara u tiddeċiedi li l-isem "Charles'' u l-kunjom ''Zammit Haber " u mhux "Carmelo'' u ''Zammit" rispettivament, huma l-isem u l-kunjom li r-rikorrent minn dejjem uża għalih nnifisu u li kien minn dejjem u konsistentement magħruf bihom sal-lum;

3. Tilqa' t-tieni talba u tiddikjara u tiddeċiedi li r-rikorrent għandu jiġi msejjaħ "Charles Zammit Haber";

4. Tilqa' t-tielet talba u tordna ai termini tal-Artikolu 253 tal-Kodici Civili (Kapitolu 16 tal-Ligijiet ta' Malta) il-korrezzjoni tal-Att tat-Twelid tar-rikorrent bin-numru progressiv ta' iskrizzjoni elfejn seba' mija disgha u sebghin tas-sena elf disa' mija tlieta u erbghin (2779/1943), kif registrat mill-intimat Direttur tar-Registru Pubbliku, billi l-isem tar-rikorrent 'Carmelo' kull fejn jidher jigi sostitwit bl-isem 'Charles', filwaqt illi kunjom ir-rikorrent 'Zammit' jigi sostitwit bil-kunjom 'Zammit Haber';

5. Tilqa' r-raba' talba u tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku sabiex idahhal annotazzjonijiet fil-margini tal-fuq imsemmi Att tat-Twelid tar-rikorrent illi jindika illi saru tali korrezzjonijiet u registrazzjoni ai termini tal-Artikolu 256 tal-Kodici Civili;

6. Tilqa' l-hames talba kif dedotta u ghal dan il-ghan taghmel referenza ghan-nota tar-rikorrent a fol. 27 tal-process fejn qed jigu indikati n-numri kollha tal-atti illi ghandhom jigu korretti;

7. Tordna li d-Direttur tar-Registru Pubbliku jigi notifikat b'kopja tas-sentenza ta' din il-Qorti u dan skont l-artikolu 256 tal-Kap 16 tal-Ligijiet ta' Malta.

Fic-cirkostanzi l-ispejjez kontra l-istess rikorrent.

**Moqrija.**

**Onor. Imhallef Dr. Joanne Vella Cuschieri**
**B.A., Mag. Jur. (EUR.LAW), LL.D.**
**17 ta' Jannar 2023**

**Karen Falzon**
**Deputat Registratur**
**17 ta' Jannar 2023**